MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 18/2005

Margaret Xuereb

vs

Mahjoub Touali

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attrici li taqra:

Illi z-zwieg apparentement ikkontrattat bejn il-partijiet kontendenti fis-dsatax ta’ Awissu elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) – certifikat taz-zwieg 102/99 anness u markat bhala Dokument A – kien null kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza, minhabba li l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’

gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 Dwar iz-Zwieg;

Illi wkoll z-zwieg ta' bejn il-partijiet kontendenti kien null minhabba li l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg a tenur tal-Artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 Dwar iz-Zwieg;

Illi wkoll iz-zwieg ta' bejn il-partijiet kontendenti kien null minhabba li l-kunsens tal-konvenut ghar-rabta taz-zwieg kien ikkondizzjonat, ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(g) tal-Kap 255;

Illi wkoll iz-zwieg ta' bejn il-partijiet kontendenti kien null minhabba li l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra u li mix-xorta taghha kienet tfixkel serjament il-hajja mizzewga, ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap 255, kif ukoll kien vizjat minhabba biza u vjolenza morali, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-istess kawza;

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi li:

1. l-imsemmi zwieg li sar bejn il-kontendenti fid-dsatax (19) ta' Awissu 1999, kien null u bla effett sa mill-ewwel gurnata tieghu minhabba r-ragunijiet u kawzali hawn fuq imsemmija jew xi wahda jew aktar minnhom, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg;

3. taghti dawk l-ordnijiet u provedimenti sabiex iz-zwieg hekk dikjarat null jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex ghal kull fini u effett tal-ligi

ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-istess Kap 255 Dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u d-dokument anness;

Ikkonsatat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' kontumacji;

Rat u ezaminat ix-xhieda kollha prodotta mill-attrici permezz tal-procedura ta' l-affidavit;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi fil-kontumacja tal-konvenut l-attrici xorta wahda kienet obbligata li tipprova t-talbiet taghha, u fir-rigward il-kaz in dizamina, turi li jissusistu fic-car il-kundizzjonijiet skond il-Kap 255 li bih iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null. Kien bizzejjed ghall-attrici li tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u b'mod inkontestabbli li hemm imqarr wahda mir-ragunijiet imfissra fl-Artikolu 19 tal-Kap 255 li jiggustifika l-annullament.  Il-bazi ta' l-annullament mitlub mill-attrici huwa msejjes fuq is-segwenti ragunijiet, il-vizzju tal-kunsens (Artikolu 19/1 sub-artikoli c, f, g) u l-vizzju ta' difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja tal-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (Artikolu 19/1 sub-artikolu d);

Illi mix-xhieda prodotta din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li takkolji t-talbiet ta' l-attrici stante li jirrizultaw fic-car l-fatturi kif elenkati fic-citazzjoni ghall-annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut ossija dak ikkontrattat fid-19 ta' Awissu 1999 skond l-anness certifikat Dok. A, dan

'multo magis' meta l-konvenut ghalkemm notifikat b'kull att tal-kawza baqa' ma deher qatt u lanqas ipprevala ruhu mill-opportunita' li nghatalu biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

F'cirkostanzi simili u billi t-talbiet ta' l-attrici huma ben fondati u jissodisfaw it-termini tal-ligi, il-Kap 255, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici u konsegwentement tiddikjara z-zwieg fuq riferit bhala null u bla effett imputabbli nterament minhabba tortijiet tal-konvenut u ai termini tat-tielet talba u ghal kull bon fini tordna li tintbaghat kopja tas-sentenza lir-Registratur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex sabiex jaghmel l-annotazzjoni opportuna fl-imsemmi certifikat jekk il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------